**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' April, 2002

**Numru 26**

**Avviz. numru 592/02JR**

**Jean-Pierre Muscat**

**vs**

**A.J.F. Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-attur fil-11 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800.00), u fejn intqal:**

**Illi l-atur ipprovda lis-socjeta` konvenuta diversi servizzi professjonali ta' "accounting" u "auditing";**

**Illi s-socjeta` konvenuta naqset li thallas is-somma ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800.00) minnha dovuta tas-servizzi fuq imsemmija;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentat risposta fir-rigward u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Jean-Pierre Muscat li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut lill-attur. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800.00), bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Marzu, 2002 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**